MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 2341/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta l-assikurat taghha Carmelo Sant abbazi tal-polza ta assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Carmelo Sant**

**Vs**

**Mario Joseph Buttigieg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta Dicembru 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lil-atturi s-somma rikjesta ta’ hames mija disgha u tmenin lira u hames centezmu (Lm589.05) rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur Carmelo Sant Assikurat mas-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited u li ghalihom kienu ghamlu tajjeb kwantu ghal LM564.05 l-istess socjeta attrici u kwantu ghall-ammont ta Lm25 l-

attur Sant bhala excess payment u dana b'rizultat ta incident stradali li sehh fit-13 ta Jannar 2004 gewwa Triq Guze Duca Qormi bejn il-vettura proprjeta tal-attur Sant Numru tar-registrazzjoni EAG 827 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni IAN 214 liema incident sehh unikament bhala rizultat ta traskuragni negligenza, mperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku a parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-13 ta Ottubru 2004 u tal-mandat kawtelatorju prezentat kontestwalment ma dan l-att u bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficcjali kontra l-konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-18 ta Novembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma kif mitluba ta hames mija disgha u tmenin lira u hames centezmu (Lm589.05) bl-imghax legali dekorribbli mit-13 ta Ottubru 2004 u bl-ispejjes kollha kif rikjesti inkluz ta din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------